# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA

**Seduta ta' nhar il-Hamis 13 ta' Gunju, 2019**

**Rikors nru: 131/19 AGV**

AB

Vs

CDE

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fl-14 ta' Marzu, 2019 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet kienu zzewwgu fit-2 ta' Ottubru, 2004 (Att taz-Zwieg Nru.1821/2004 – Dok.A) minn liema zwieg ma kellhomx tfal.

2. Illi l-partijiet kienu sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datata 27 ta' Jannar, 2017 fl-atti tan-Nutar Dr. Malcolm Camilleri (Dok. B).

3. Illi l-partijiet ilhom ma jkollhom relazzjonijiet intimi bejnithom ghal iktar minn erba' snin u ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien prefiss ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partjiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-Risposta tal-intimat li eccepixxa:-

1.Illi l-kontendenti m'ghandhomx tfal.

2.Illi m'hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment bejniethom.

3.Illi ilhom ma jkollhom relazzjonijiet intimi bejniethom ghal aktar minn erba' snin.

4.Illi m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejniethom.

5.Illi ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu milqugha, b'dan illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom isseparati legalment skond kuntratt datat 27 ta' Jannar, 2017 fl-atti tan-Nutar Dr. Malcolm Camilleri. Gie kkonfermat ukoll li dejjem thallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Ir-rikorrenti ukoll ippruvat li ma hemmx cans ta' rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1.Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2.Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.
L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**